MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2008

Numru 52/2008

**Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**
**Spettur Nezren Grixti**

**Vs**

**Kevin Buttigieg**
**Christopher Meilton**

**Illum 21 ta' Jannar 2008.**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Christopher Meilton ta' 29 sena, bin Christopher u Lilly nee' Parnis,

imwieled gewwa Munster fil-Germanja nhar is-26 ta' Lulju 1978 u residenti gewwa 32, Atocia Street, Hamrun, bin-numru tal-karta ta' l-Identita' 294199 M;

U kontra Kevin Buttigieg ta' 33 sena, bin Angelo u Carmen nee' Camilleri imwieled gewwa tal-Pieta' fit-18 ta' Gunju 1974, u residenti gewwa 36, Victory Street, Indri Cilia, Hamrun, bin-numru tal-karta ta' l-Identita' 287174 M;

Talli fl-istadjum nazzjonali ta' Qali, nhar id-9 ta' Jannar 2008, fil-hinijiet bejn it-8.00pm u 8.30pm waqt il-loghba tal-futboll bejn Hamrun u Valletta, xewwxu gemgha ta' nies, illi hekk imxewwxa ingabru f'numru ta' ghaxra jew aktar, sabiex jaghmlu reat liema reat fil-fatt sar, u dan ai termini tal-artikoli 68 (1) (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hadu parti attiva f'gemgha ta' ghaxra min-nies jew aktar, migburin bil-hsieb li jaghmlu reat, ukoll jekk dik il-gemgha ta' nies ma' kienet giet imxewxa minn hadd partikolari u dan bi ksur ta' l-artikolu 68 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, pubblikament, xewwxu lil persuni ohra sabiex jiksru l-ligi u dan bi ksur ta' l-artikolu 70 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ma' obdewx l-ordnijiet legittimi ta' l-Awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, u cioe' tas-Surgent 914, 778 u PC 145 jew ma' hallewhomx jew fixkluhom waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahlu fi dmirijiethom, billi ma' hallewx lil haddiehor u cioe' l-istess membri tal-Korp tal-Pulizija, jaghmlu dak li bil-ligi kienu ordnati jew setghu jaghmlu, jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi,

jew b’xi mod iehor li jkun u dan ai termini ta’ l-Artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qalu fil-pubbliku kliem oxxen, jew indicenti li jikkonsisti f’dagha jew ghamlu atti jew gesti oxxejni jew b’xi mod iehor offendew il-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika u dan ai termini ta’ l-Artikoli 338 (bb) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, uzaw kliem offensiv lejn diversi membri tal-Korp tal-Pulizija imsemmija aktar ‘l fuq u lejn membri ohra tal-pubbliku jew gabu rwiehom abbuzivament, u dan ai termini tal-Artikolu 7 tal-legislazzjoni sussidjarja 10.33 tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, heddew persuna ohra b’gebel jew xi oggett iehor jew tefghu xi gebla jew oggett iehor u cioe’ siggijiet fuq il-post fejn ikun qed isir il-loghob jew fuq xi parti ohra tal-ground ta’ l-isports jew li, filwaqt li kienu qieghdin hemm hekk jew kienu hergin minn hemm;

Aktar talli waqt l-istess hinijiet indikati, fl-istess lok, dati u taht l-istess cirkostanzi, kkommettew hsarat volontarji billi kissru ‘seats’ tal-grounds f’Ta’ Qali u dan a detiment tal-MFA liema valur jeccedi il-116.5 Ewro izda ma’ jaccedix l-1165 Ewro u dan ai terminu tal-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara illi l-Qorti rat l-Artikoli 68 (1) (3), 68 (2), 70, 338 (ee), 338 (bb), 339(1)(b) u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll ir-Regolament 7 tal-Legislazzjoni sussidjarja 10.33 tal-Kapitolu 10 tal-Lijiet ta’ Malta(Avviz Legali 88 tal-1978);

Illi wara li semghet ix-xhieda prodotta u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Wara li rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri;

U wara li din il-Qorti tat iz-zmien rikjest mil-ligi sabiex l-imputati jikkonsidraw l-ammissjoni taghhom;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata taz-zewg imputati, ma' thalli ebda alternattiva lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-imsemmija imputati hatja ta' kif akkuzati u tikkundannahom ghal sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn, a tenur tal-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Lgijiet ta' Malta.

Il-Qorti, qieghda wkoll tordna lil l-imputati ma' jattendux fl-istadjum Nazzjonali kif ukoll fi 'stadiums' sportivi ohra sa' l-ahhar ta' Lulju 2008 u cioe' ghal perjodu ta' sitt xhur mil-lum, u dan ai termini tar-Regolament 9(2) tal-Avviz Legali 88 tal-1978.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza liz-zewg imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------